# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Jannar, 2000 .

**Avviz numru : 48/1997 G2 (PC)**

Peter Camilleri, u Victor Vella .

Vs .

Francis Vella

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti :

Ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-atturi konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fis-sittax (16) ta' Jannar tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fi Triq Marsalforn, Victoria, Ghawdex, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra J-hamsa, sitta, wiehed, sitta (J-5616) misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni N wiehed, hamsa, disa' tmienja (N-1598) misjuqa mill-attur Peter Camilleri u proprjeta' ta' Victor Vella, ta' liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 20 ta' Marzu, 1997, tal-ittra ufficjali spedita f'April, 1997 u dik ipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u mibghuta lill-assikurazzjoni tieghu . Bl-imghaxijiet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu fl-ewwel lok, ghall-incident in kwistjoni jahti unikament u esklussivament l-attur Peter Camilleri

minhabba sewqan traskurat, negligenti u eccessiv u minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu ;

Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-atturi jridu jgibu prova adegwata tad-danni illi huma qeghdin jallegaw illi sofrew, stante illi certament illi dawn id-danni ma jlahhqux l-ammont ta' LM500 .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawza prezenti l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fid-data, hin u lok indikati fl-Avviz, u konsegwentement ikkundannat ihallas id-danni ikkagunati fil-vettura ta' l-attur Victor Vella .

Irrizulta li l-kollizzjoni sehhet x'hin il-konvenut kien qed jaghmel manuvra biex jidhol f'dahla li kien hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq . It-triq kienet xotta u kien ghadu d-dawl .

L-attur isostni li l-habta sehhet billi huwa kien qed isuq il-karozza mislufa lilu mill-attur l-iehor, minn Marsalforn fid-direzzjoni tar-Rabat, b'velocita' ta' madwar 35 mil fis-siegha, x'hin innota l-konvenut li wkoll kien ghaddej fl-istess direzzjoni, jgenneb il-karozza tieghu ghax-xellug tat-triq, minghajr ma xeghel l-indicators . Huwa ghalhekk, billi haseb li l-konvenut kien ser jieqaf hemmhekk, qala' 'barra ghan-nofs tat-triq biex jibqa ' sejjer . Pero' f'daqqa wahda, hekk kif kien lahaq kwazi biswitu, ra l-vettura tal-konvenut taghmel manuvra billi tinqala' minn postha u tersaq ghal nofs it-triq . Huwa fil-pront, billi ma ra ebda vettura gejja faccata tieghu, kiser iktar lejn nofs it-triq u rabat il-brake . Billi l-karozza l-ohra baqghet gejja wkoll ghan-nofs, habtu u l-vettura misjuqa minnu laqtet lill-vettura l-ohra fil-bieba tal-lemin tad-driver .

Il-konvenut da parti tieghu qal illi kien intenzjonat jaqsam it-triq biex jidhol fis-'side street' li taghti ghal 'farmhouse' li hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq . Huwa wkoll kien tiela fid-direzzjoni tar-Rabat, u kif wasal ftit 'l boghod minn fejn hemm il-'farmhouse', xeghel l-'indicators' sabiex jindika illi kien ser jikser ghal go s-'side street' imsemmija . Qabel ma beda l-manuvra sabiex jidhol fis-'side street', u wara li kien xeghel l-indicators, hares lura biex jara hux gej xi hadd minn wara u hares ukoll 'il quddiem biex jara kienx gej xi hadd mid-direzzjoni tar-Rabat . Hekk kif ra li m'hu gej hadd, kiser biex jidhol f'din is-'side street' mill-parti tat-triq fejn hemm 'double white line' interrott . Kien gia fuq in-naha l-ohra tat-triq, u cioe' dik fid-direzzjoni mir-Rabat ghal Marsalforn, x'hin ra karozza tiela' 'wrong side' minn Marsalforn . Kien hemm hoss ta' brakes u saret

il-habta fil-post indikat fuq li skizz redatt mil-Pulizija . Mad-daqqa l-karozza tieghu giet mitfugha 'l quddiem u huwa pprova jiskapula cint li kien hemm fuq il-gemb tat-triq .

Lis-surgent li ghamel l-okkorrenza relattiva, l-kontendenti bejn wiehed u iehor tawh l-istess verzjonijiet, hlief illi mieghu il-konvenut iddikjara wkoll illi fil-hin ta' l-incidnet huwa kien mal-gemb tat-triq sabiex jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega halli jihdol fid-dahla fuq in-naha l-ohra tat-triq .

Apparti l-kontendenti stess, xhieda okulari ohra ta' l-incident ma kienx hemm .

Mill- 'ispot of impact' indikat fuq l-iskizz esebit mis-surgent li rrediga l-okkorrenza tal-kollizjoni jirrizulta illi l-habta sehhet prattikament fin-nofs tan-naha l-ohra tat-triq, u precizament quddiem id-dahla imsemmija . Jidhru wkoll sett ta' 'brakemarks ta' 12.7 metri mhollija mill-vettura misjuqa mill-attur Camilleri . Ta' min jinnota wkoll illi fejn sehhet il-habta id-'double white line' li jaqsam it-triq huwa interrott., u ghalhekk huwa ammissibbli ghal vetturi li jkunu telghin mid-direzzjoni ta' Marsalforn sabiex iduru minn hemm biex jidhlu fid-dahla indikata fuq li skizz .

Il-Highway Code, dwar manuvri f''road junctions', bhal ma nistghu nghidu li kien hemm fil-kaz in ezami, jghid illi "(rule 84) : Use extra care at junctions or intersections ….. Where there are no such signs exercise discretion and prudence"; (rule 85) : "Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic . Signal your intention and,when safe to do so, take up the appropriete position . Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicle before you complete a right turn."; u (rule 86) : "On turning at a junction look right, then left, then right again . Do not go on until you are sure that it is safe to do so. …."

Minn dan kollu naraw illi sewwieq li kien irid jaghmel manuvra bhal din irid juza prudenza kbira qabel ma jiddecidi li jaqsam . Ma hux bizzejjed illi l-manuvra, bhal ma ghandna fil-kaz in ezami hija prermissibbli fl-inhawi fejn sehh l-incident, Minkejja dak li sostna l-konvenut, din il-Qorti mhix konvinta illi dan ha l-prekawazjonijiet kollha mehtiega qabel ma ttenta jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq biex jidhol fis-'side road' ossia dahla ndikata . Huwa sinjifikanti u ferm importanti ghad-decizjoni f'din il-kawza, illi l-konvenut 'ex admissis' beda l-manuvra tieghu mill-gemb tax-xellug tat-triq li tiehu ghar-Rabat fejn kien wieqaf . Huwa maghruf sew illi r-regolamenti tat-traffiku jirrikjedu illi min ikun ser jaghmel manuvra simili, ghandu, wara li juri l-intenzjoni tieghu, permezz tal-'indicators', jmur kemm jista' jkun ghan-nofs tat-triq, sabiex jippermetti t-traffiku ta' warajh jibqa' ghaddej ghad-dritt,u wara li jaccerta ruhu illi ta' warajh ikunu indunaw bil-manuvra li jkun irid jaghmel, u li ma jkunx gej traffiku mid-direzzjoni opposta, jikser ghal-lemin, jaqsam it-triq u jidhol fir-'road junction' .

Fil-kaz in ezami, anke jekk jigi accettat illi l-konvenut tassew xeghel l-'indicators' tieghu, xorta wahda ma rrizultax illi segwa ghal kollox dawn ir-regolamenti, gialadarba hu stess ammetta mas-surgent tal-Pulizija 'a tempo vergine', li beda l-manuvra tieghu mill-gemb tax-xellug tat-triq; haga li neccessarjament kienet tirrikjedi aktar hin u prudenza . Dan ghaliex ried l-ewwel jaqsam il-wisa' kollu tal-karregjata tieghu, u mhux biss jara li ma jkunx gej traffiku mid-direzzjoni opposta, imma anke minn warajh stess . U dan ma jidhirx illi l-konvenut ghamlu sodisfacentement, ghax altrimenti kien jinduna bl-attur Camilleri gej minn warajh u ma kienx jittenta jaqsam .

Kien appuntu ghal din ir-raguni li l-attur Peter Camilleri ma nghatax cans jinduna kmieni bizzejjed bil-manuvra tal-konvenut, u minkejja li rabat il-brejkijiet u genneb kemm seta' ghan-naha l-ohra tat-triq, sab lill-konvenut ma' wiccu u ma setghax jevitah fil-hin . Camilleri, li halla brakemarks ta' 12.7 metri lanqas ma jidher illi kien qed isuq b'xi velocita' eccessiva fl-inhawi . Triq bhal ma hija dik fejn sehh dan l-incident, li mihiex 'a built up area, tippermetti velocita' ta' 80 k.f.s. ghall-'motor cars' u 'motor cycles' (rule 105 tal-Highway Code) . L-istess sewwieq ma kellu ebda raguni jmur 'wrong side' jekk mhux biex jevita l-ostakolu li ghal gharrieda sab quddiemu . Ghalhekk din il-Qorti ma tista' ssib ebda htija fl-attur Peter Camilleri ghal dan l-incident .

Dwar il-hsarat ikkagunati fil-karozza ta' l-attur l-iehor Victor Vella, irrizulta mid-dokumenti PC. 1, PC. 2 u PC . 3 illi dawn jammontaw ghal total ta' erba' mija tmienja u ghoxrin lira maltija u disa' u erbghin centezmu (Lm428.49), rapprezentanti Lm198.49 ghall-'parts' mibdula, Lm20 xoghol, spray u rust proofing, u Lm30 Taxxa ghal Valur Mizjud . Il-konvenut ma ikkontestax dawn il-kontijiet u l-Qorti lanqas ma ssib raguni ghaliex m'ghandiex taccettahom .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrrici, tiddikjara lill-konvenut Francis Vella unikament responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz, tillikwida d-danni kkagunati fil-vettura ta' l-attur Victor Vella fis-somma ta' erba mija tmeinja u ghoxrin lira maltija u disa' u ebrghin centezmu (Lm428.49) u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess somma lill-atturi .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-20 ta' Marzu 1997, tal-ittra ufficcjali spedita f'April 1997 u dik pprezentata kontestwalment ma' dana l-Avviz u mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut .

(ft) Paul Coppini
Magistrat
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
Si4897Pc
(1615 words)